MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 48/2011

**Gatt Enterprises Limited**

**Vs**

**Francis Saliba u martu Lorraine Saliba**

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ rikorrenti qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ disa’ u hamsin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin euro u tmienja u sebghin centezmi (€59,628.78) bhala hlas ghall-prodotti u/jew servizzi provduti lill-intimati fuq inkarigu taghhom. Ir-rikors guramentat gie prezentat skont il-procedura sommarja specjali[1] fit-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tad-29 ta’ Lulju 2011 fl-10.00a.m.

[1] Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta

Illi l-intimati gew debitament notifikati fit-12 ta’ Lulju, 2011.

Rat li l-intimat fil-25 ta’ Lulju 2011 ipprezenta nota li permezz taghha ammetta t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat b’dan li ghamilha cara li dan id-dejn mhux wiehed parafernali tieghu izda minflok huwa gravanti fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti tieghu u ta’ martu Loraine Saliba.

Rat li fis-seduta tad-29 ta’ Lulju 2011 l-intimata fuq talba taghha inghatat l-opportunita’ li tipprezenta risposta guramentata.
Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2011.

Rat li r-risposta guramentata tal-intimata giet sfilzata permezz tad-digriet ta’ din il-qorti tat-3 ta’ Novembru, 2011.

Rat li fis-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru 2011 beda jixhed Mario Gatt ghas-socjeta’ rikorrenti u pprezenta diversi dokumenti in sostenn tat-talba mressqa. Id-deposizzjoni giet sospiza hekk kif Dr Mario Scerri ghall-intimata ammetta t-talbiet attrici u talab lil din il-qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni ta’ l-intimati, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi t-tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti u ghalhekk:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma debituri tas-socjeta’ rikorrenti ghas-somma ta’ disa’ u hamsin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin euro u tmienja u sebghin centezmi (€59,628.78) bhala hlas ghall-prodotti u/jew servizzi provduti lill-intimati fuq inkarigu taghhom.

(2) Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont minnhom dovut ta’ disa’ u

hamsin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin euro u tmienja u sebghin centezmi (€59,628.78).

Bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha a karigu ta’ l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------